Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9409 — Aurubis/Metallo Group Holding)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2019/C 304/04)

1. Fit-30 ta' Awwissu 2019, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aurubis AG ("Aurubis", il-Ġermanja),

— Metallo Group Holding N.V. ("Metallo", il-Belġju).

Aurubis AG takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Metallo Group Holding N.V. kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— l-impriża Aurubis: Hija fornitur ta' metalli mhux tal-ħadid. B'mod partikulari, Aurubis tipproċessa konċentrati tar-ram u ruttam tar-ram; tipproduċi katodi tar-ram u prodotti sekondarji mill-proċess tar-raffinar tar-ram, kif ukoll tissupplixxi forom tar-ram u prodotti nofshom lesti tar-ram u prodotti tar-ram imħallat bħalma huma biċċiet ċatti tar-ram laminati, vireg u wires;

— l-impriża Metallo: attiva fir-riċiklaġġ, l-ipproċessar u l-kummerċ ta' metalli mhux tal-ħadid. B'mod partikulari, Metallo tirfina ruttam tar-ram biex tipproduċi katodi tar-ram u prodotti sekondarji tal-proċess tar-raffinar tar-ram.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9409 — Aurubis/Metallo Group Holding

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").